naqraw:

"Kienu qalu li rashom jilagħbu
darba ilu lejn xifer l-irdum,
fix-xemx ħamra tittewweb flgħaxija,
meta x-xefaq jixxennaq maħkum."

## L-eroj

Il-ballati għandhom ħabta jinkludu l-eroj. Ħafna drabi l-għan huwa li jwasslu xi forma ta' ħsieb jew tagħlima. Xi drabi wkoll biex jippermettwaw il-valuri u t-tradizzjonijiet.

Fil-każ ta' Bezzina l-eroj huma n-nies komuni, u dan minnu nnifsu jagħmel dawn il-kitbiet mhux biss interessanti imma importanti. Għaliex mill-ġrajja tan-nies nistgħu nkunu tabilħaqq nafu għeruqna.

Ngħidu aħna, "It-tfajla tax-xtajta" (p.34), "Tifkira (B'tifkira lil dawk l-Għawdxin li għebu mis-sisien)" (p.32), "It-tfal tal-irdum" (p.39), "Destin ta' Sajjied" (p.45) u ovvjament "Il-Ballata tal-Gwerra" (p.41) fost oħrajn.

## Ripetizzjoni

Karatteristika interessanti fil-ballata hija li spiss tħaddan dawk iż-żewġ versi ripetuti fl-ewwel u fit-tieni taqsima tal-poeżija.

Fil-poeżija "Is-Sajjied ta' Wied il-Mielaħ" (p.28), insibu

"Ħdejn il-baħar jitqalleb, jitħabat" kemm fl-ewwel u kemm fit-tieni parti.

"Il-Ballata ta' Bernardo De Opuo" (p.27) ż-żewġ partijiet jibdew "Fit-toroq waħxija".

Settings lokali jew reġjonali: Il-kontenut tal-ballads jista' jkun marbut ma' lokalità partikolari u jagħmel użu minn djalett reġjonali jew tradizzjonijiet kulturali.

## Konklużjoni

Bezzina permezz ta' dan il-ktieb qed jestendi x-xogħol tiegħu ta' riċerkatur u arkivista u jiddissemina dak li jaf mal-poplu. Hawnhekk qed qed iwasslilna esperjenza tan-nies komuni mill-gżira tat-tliet għoljiet

# "Time...and Time Again" ta' Charles Flores




Dan il-ktieb jikkonsisti f'47 poeżija li nkitbu mill-kittieb popolari Charles Flores bejn l-1968 u l-2004 bil-lingwa Ingliża. Bosta poeżiji tal-bidu jinkludu wkoll stampi bil-kulur ta' kopertini u tal-kitba oriġinali kif ukoll għadd ġmielu ta' poeżiji aktar riċenti. Dan il-perjodu jindika kemm il-poeżija ta' Flores kienet u għadha waħda friska u relevanti. Evidentament tixhed l-esperjenza li għandu dawn l-awtur ta' letteratura barra minn xtutna, u dan insibuh ukoll b'referenza għal numru ta' poeżiji f'din il-ġabra.

Flores huwa wieħed mill-awturi tal-Moviment Qawmien Letterarju imma huwa stess għaraf jinfatam minn dak iż-żmien u jaġġorna l-poeżija tiegħu tali li nistgħu nħarsu lejha mhux biss bħala referenza għal dak li nkiteb matul dawn il-ħamsin sena imma wkoll għal-lum. L-aktar karatteristika li toħroġ minn dawn il-kitbiet hija li dawn l-awtur ma beża' qatt jisfida il-forzi konservattivi li setgħu jillimitaw l-espressjoni artistika. Fuq kollox jibqa' awtur ħalliem u ġenwin kif donnu jesprimi hu stess fil-poeżija "Silly Child" (p.44). Jemanċipa maż-żgħir, anzi, jirrelata mal-bniedem komuni u ordinarju (ngħidu aħna imma mhux biss f'"The Dwarf", p.19) u jtenni bla tlaqlieq li finalment huwa żżgħir l-aktar li jaqlagħha.

Fost ix-xogħlijiet ta' Flores hemm "Poet" (1968, Maltese Number, li tagħha editur kien il-poeta Victor Fenech), il-"Phoenix Broadsheet No22" (1972), u Cross Winds—An Anthology of Post-War Maltese Anthology (1980, miġbura mill-mibki Oliver Friggieri). Bosta xogħlijiet oħra ta' Flores dehru fil-ġabriet Jewels of the Imagination, An Open Door, u The International Who's Who in Poetry, ippubblikati minn The International Library of Poetry. Apparti hekk Flores ħareġ ukoll il-ġabra Laughing Eyes mal-Imprint Ltd/ LPS fl-1986.

Ser nikkonkludu b'din l-istqarrija għall-istampa maħruġa mill-pubblikaturi:

"Il-bilingwiżmu tal-Maltin minn dejjem serva ta' għodda mill-aqwa biex il-poplu seta' jikkomunika mal-bqija tad-dinja, aktar u aktar fl-isfond tal-istorja mimlija ħakmiet li tiddomina ġrajjietna. Kienet għodda li swiet ferm biex, minn epoka għal oħra, l-Maltin setgħu jaċċertaw ruħhom mill-għajxien tal-familji tagħhom skont ċirkustanzi ekonomiċi dejjem jinbidlu, waqt li jixorbu kemm jifilħu mill-kulturi varji li kienu saru parti sħiħa mill-ħajja ta' kuljum f'Malta u Għawdex.

Hekk ukoll fid-dinja tal-kitba u l-kreattività. Ħafna mill-awturi klassiċi ta' pajjiżna ma ddejqu xejn jiktbu b'ilsna barranin biex jaslu fi swieq lil hinn minn dawn ix-xtut, waqt li baqgħu jgħożżu u jħaddmu l-ilsien nazzjonali, il-Malti. L-istess Dun Karm, il-poeta nazzjonali, kien beda jikteb l-ewwel poeżiji bit-Taljan, u bħala kienu għamlu ħafna kittieba kontemporanji. Għamlu dan mingħajr l-iċken ħsieb li jżebilħu l-Ilsien li tathom ommhom.

Charles Flores, u bosta kittieba u poeti oħra magħrufin bħala "ż-żgħażagħ tas-Snin Sittin", telgħu f'kultura Ingliża li, ma jistax jonqos, ġibdithom lejn il-letteratura anglo-sassona, kemm dik klassika kif ukoll moderna.

Flores jistqarr li l-ewwel xogħlijiet modesti tiegħu kienu bl-Ingliż sakemm, taħt l-influwenza ta' nies bħal Valentin Barbara, Brother Henry Grech, Charles Coleiro u l-Professur Ġuże' Aquilina, beda jikteb u għadu jikteb bil-Malti. Mingħajr ma warrab l-opportunità li jersaq lejn is-suq internazzjonali permezz tal-lingwa Ingliża.

"Time...and Time Again" hija ġabra ta' poeżiji li fiha hemm diversi poeżiji li Flores kellu pubblikati barra l-pajjiż, kif ukoll għadd ġmielu ta' poeżii ġodda li finalment qed jingħataw l-arja meħtieġa wara perjodu twil ta' għeluq fil-kxaxen. Ħames għexieren li jagħtu stampa ċara ta' Flores u l-emozzjonijiet tiegħu.

Il-ktieb għandu introduzzjoni mill-Prof. Daniel Massa, hu nnifsu kittieb u poeta ta' statura kbira, li jifli u jinterpreta b'ħila l-versi ta' Flores f'din il-pubblikazzjoni sabiħa li qed tara d-dawl fl-okkażjoni tal-Festival tal-Ktieb 2023.

"Time...and Time Again" jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet kollha tal-kotba, inkella online mingħand Horizons. Għal aktar tagħrif ċempel +356 2144 1604 jew ibgħat imejl lil info@horizons.com.mt"